# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 21 ta' Novembru, 2018**

Avviz tat-Talba numru: **244 / 2018**

**GO P.L.C**
[REG. NRU. C-22334]

***VERSUS***

**MONSIGNEUR SAID GRAZIELLA**
[K.I. NRU. 438279M]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-31 ta' Mejju, 2018 mill-attrici li permezz tieghu talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallasha l-ammont ta' hames mija, erbgha u sebghin ewro u erbgha u tletin ewro centezmi (€574.34c) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bil-kont numru 40608985, hekk kif ahjar deskritt fl-istess Avviz tat-Talba. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez tal-proceduri gudizzjarji odjerni, ta' ohrajn accessorji ghalihom (ittra ufficjali bin-numru 1570/2017) u kif ukoll l-imghaxxijiet legali.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha;

Jikkunsidra;

Fl-ewwel udjenza quddiem dan it-Tribunal, dik ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' Lulju, 2018, id-difensur ta' l-attrici gharraf lit-Tribunal li l-konvenuta kienet hallset l-ammont ta' €611.54c, "*liema ammont ikopri s-sorte mitlub f'dawn il-proceduri u porzjon tal-*

*ispejjez gudizzjarji*” (ara *a fol*. 11). Fl-istess udjenza d-difensur ta' l-attrici kien talab ftit taz-zmien sabiex l-partijiet jaraw jistghux jakkordaw ruhhom dwar l-ispejjez gudizzjarji rimanenti u l-interessi relattivi.

Fl-udjenza sussegwenti, dik tat-Tnejn, 15 ta' Ottubru, 2018, l-attrici informat lit-Tribunal, permezz ta' nota prezentata *seduta stante* (ara *a fol*. 13), li l-konvenuta baqghet ma ssaldatx l-ispejjez gudizzjarji u l-interessi wara l-hlas da parti taghha kif fuq spjegat. F'tali nota, l-attrici affermat, *inter alia*, hekk: “*bil-prezenti, hija qed iccedi l-kawza fir-rigward tas-sorte* […] *fl-istess waqt izda, hija qed izzomm ferm il-kap tal-imghaxijiet u l-ispejjez fir-rigward ta' kull bilanc li jibqa' dovut wara t-tnaqqis tal-ammont ta'* […] *€37.20 li diga' gie imhallas mill-konvenuta*” (ara *a fol*. 13). In vista ta' hekk, fl-imsemmija udjenza gie registrat hekk: “*Dr. Keith Grech ghall-Attrici pprezenta seduta stante nota spjegattiva tas-sitwazzjoni illum-il gurnata f'dan il-procediment u dan anke fid-dawl ta' dak li kien gie verbalizzat fl-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2018, u f'dan is-sens jitlob illi tinghata sentenza dwar il-kap tal-ispejjes gudizzjarji u dwar l-interessi*” (ara *a fol*. 12).

It-Tribunal ezamina l-provi dokumentarji mressqa u ra l-atti kollha tal-proceduri;

It-Tribunal jikkunsidra;

Is-sitwazzjoni prezentata fil-prezenti vertenza hija li l-konvenuta – ghalkemm ma kkontestatx il-kawza b'mod formali u ritwali kif previst taht il-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Ligi Sussidjarja 380.01 – implicitament ikkonfessat li hi debitrici tal-kumpannija attrici u dan ghaliex hi, minn rajha, hallset cifra fl-ammont ta' €611.54c direttament lill-istess attrici. Kif kodifikat fl-Art. 1147(1) tal-Kodici Civili, “*Kull ħlas jissoponi dejn*” u, allura, tali pagament ta' €611.54c imwettaq mill-konvenuta huwa, implicitament, manifestazzjoni ta' l-ammissjoni tad-dejn li hi kellha, u ghad ghandha, mal-kumpannija attrici kreditrici.

Bhala konsegwenza, tali ammissjoni taghti lok li l-ispejjez gudizzjarji ta' dawn il-proceduri u kif ukoll l-imghaxijiet legali fuq is-sorte ta' €574.34c (i.e., bhala interessi moratorji *ex* Art. 1141(1) tal-Kodici Civili kombinat mà l-Art. 1130(1) ta' l-istess Kodici) ikunu attribwiti fuq il-konvenuta. Fi kliem iehor, bil-hlas imwettaq mill-konvenuta tad-dejn originali, hi attitrat lejha l-obbligu accessorju li tindennizza wkoll kwalsiasi spejjez li dahlet fihom l-attrici kreditrici taghha ghall-irkupru tad-dejn originali u kif ukoll li tissalda l-imghax mitluf mill-istess kreditrici fuq l-imsemmi dejn.

Issa, il-pagament mwettaq mill-konvenuta minn rajha kien fl-ammont ta' €611.54c, filwaqt li s-sorte domandat mill-attrici f'din il-kawza hu ta' €574.34c. Ghalhekk, il-hlas volontarjament imwettaq mill-konvenuta jissupera s-sorte domandat mill-attrici bi €37.20c. Ghalhekk, l-attrici ghandha f'idejha €37.20c addizzjonali, ossia lil hinn mill-imsemmi sorte.

Skond il-verbal ta' l-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2018 "*fil-mori tal-proceduri* [il-konvenuta] *hallset is-sorte ta' dawn il-proceduri kif ukoll ammont ulterjuri li jkopri l-ispejjes ta' dawn il-proceduri*." Dan ifisser li l-attrici kienet qed talloka l-ammont addizzjonali ta' €37.20c bhala hlas akkont ta' l-ispejjez gudizzjarji.

Fic-cirkostanzi, dan it-Tribunal jemmen li l-imsemmi ammont addizzjonali ta' €37.20c ghandu jigi allokat bhala hlas akkont *versu* l-ispejjez gudizzjarji tal-prezenti proceduri (u dawk maghhom konnessi jew ghalihom ancillari), filwaqt li l-imghaxijiet fuq l-ammont ta' sorte (i.e., €574.34c) ghandu jibda' jiddekorri mit-2 ta' Awwissu, 2016 li hija d-data ta' meta l-istess gie interament dovut lill-attrici mill-konvenuta (ara *statement a fol.* 2 ta' l-atti) u ghandu jipperdura sad-data ta' meta l-attrici formalment iddikjarat li l-konvenuta kienet issaldat is-sorte (i.e., fl-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2018).

**GHALDAQSTANT**, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, ghall-motivi fuq imfissra u konsistentement maghhom, filwaqt li jastjeni milli jippronunzja ruhu dwar is-sorte fl-ammont ta' hames mija, erbgha u sebghin ewro u erbgha u tletin ewro centezmi (€574.34c), peress li dan l-ammont gie saldat mill-konvenuta fil-mori tal-proceduri odjerni kif deskritt f'din id-decizjoni, jikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-attrici l-ispejjez gudizzjarji rimanenti (cioè, dawk li huma oltre minn €37.20c) marbuta ma' dawn il-proceduri u ta' ohrajn accessorji ghalihom (i.e., ittra ufficjali bin-numru 1570/2017) u jikkundannaha wkoll thallas lill-attrici l-imghax fuq l-ammont ta' €574.34c dekorribbli mid-data tat-2 ta' Awwissu, 2016 sat-2 ta' Lulju, 2018.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*